## Intervista 15 ta' Jannar 2020 fl-4pm mas-Sur Sergio Grech fuq Radju Malta 93.7FM:

### 1) Nintroduċu eżattament il-proġett l-OAR@UM x'inhu.

L-ewwel nett l-OAR@UM tirreferi għal *Open Access Repository* tal-Università ta' Malta. Din hija pjattaforma elettronika li fiha jinġabar, jinżamm u jiġi distribwit materjal diġitali għall-użu tar-riċerka bħal artikli, kotba, siltiet minn kotba, konferenzi u perjodiċi. Dan il-proġett beda f'Settembru 2014 u sal-lum għandna hemm 'il fuq minn 40000 item li iktar minn nofshom huma miftuħa għall-aċċess pubbliku.

Il-kontenut ta' dan ir-repożitorju hu mqassam skont fakultajiet, istituzzjonijiet u ċentri partikolari u li fihom insibu għadd ta' pubblikazzjonijiet minn akkademiċi Universitarji. Dan il-proġett hu konformi mal-istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea li tipprovdi aċċess universali għall-benefiċċju tar-riċerkaturi, tal-industrija u ċ-ċittadini fl-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha. Il-materjal li jinsab fl-OAR@UM għandu x'jaqsam ma' Melitensia jiġifieri kitbiet li huma miktubin minn awturi Maltin jew li għandhom x'jaqsmu dwar Malta.

Fl-OAR@UM insibu wkoll xogħlijiet dwar il-patrimonju kulturali Malti u l-identità Maltija ppubblikati minn nonakkademiċi. Dawn ix-xogħlijiet huma inklużi f'kollezzjoni separata, l-External Research Collection, imqassma f'kategoriji skont is-suġġett, ibbażata fuq il-mudell tal-Library of Congress Classification Schedule. Ngħidu aħna, jekk ir-riċerkatur irid ifittex dwar l-istorja tal-kolonizzazzjoni Brittanika f'Malta, jidħol fl-External Research Collection, jagħżel World History Malta u jfittex fil-kollezzjoni tal-Melitensia.

### 2) Fejn hu fis-sit tagħkom?

Biex il-pubbliku jkun jista' jaċċessa l-OAR@UM jista' jidħol fuq is-sit tal-Librerija tal-Università u minn hemmhekk jista' jfittex f'dan ir-repożitorju billi juża keywords fl-online search. Kull keyword li se tittajpja, il-programm se jfittex fid-database u jirreferik għal kull pubblikazzjoni mtellgħa fuq l-OAR@UM. B'hekk ir-riċerkatur ikun jista' jaċċessa materjal tal-għażla tiegħu u jista' wkoll jillimita ruħu għal parti speċifika fil-qasam tiegħu.

Ir-riċerkatur jista' jfittex b'modi differenti ngħidu aħna: bil-komunità jew kollezzjoni kif semmejna qabel, skont il-ħarġa, l-awtur, it-titlu, is-subject headings u tipi ta' materjal bħal artiklu minn gazzetta, artiklu minn perjodiku, eċċ. Ngħidu aħna, jekk ir-riċerkatur irid ifittex artiklu li ħareġ fi ktieb tal-festa partikolari dwar viżta pastorali ta' Isqof fis-seklu sittax, jista' juża keywords bħal "bishops malta," "Catholic church Malta" fis-search tal-OAR@UM.

Ta' min jgħid ukoll li jekk tagħmel search fil-Google, dan itellagħlek l-artikli li jkunu disponibbli fuq l-OAR@UM. Dan għaliex il-Google jagħmel proċess ta' harvesting tal-materjal li jkun ittella' online fuq l-OAR@UM.

### 3) Il-materjal irid ikun bil-Malti?

Le, mhux bilfors. Għalkemm fl-introduzzjoni għidna li l-materjal fuq l-OAR@UM il-biċċa l-kbira tiegħu jinkludi materjal tal-Melitensia, mhux bilfors ikun miktub bil-Malti. Jista' jkun bi kwalunkwe lingwa oħra u aħna bħala librara, meta niġu biex nikkatalogaw il-materjal, għandna metadata apposta li fiha niddeterminaw b'liema lingwa hu miktub l-artiklu jew pubblikazzjonijiet oħrajn.

Ftit ilu semmejt il-metadata: Din hi informazzjoni li aħna l-librara niġbru kull darba li nikkatalogaw pubblikazzjonijiet differenti, ngħidu aħna l-isem tal-awtur jew l-awtriċi, l-indirizz elettroniku tal-awtur, it-titlu tal-pubblikazzjoni, id-data, il-pubblikatur, is-citation, il-lingwa, jekk hux open access, restricted jew embargo (access rights), is-subject headings, l-abstract u l-copyright statement.

### 4) X'oqsma jinteressawkom?

Aħna u nanalizzaw kull ktieb bir-reqqa noqogħdu attenti li jkollna artikli relatati mal-istorja ta' Malta, folklor, letteratura, bijografiji ta' personalitajiet famużi, arti viżiva, skultura u arkitettura, xjenza u mediċina u kull materjal ieħor li jkompli jkabbar il-kollezzjoni tagħna u ssostni l-impenn li għandha l-Università biex tiffaċilita r-riċerka.

Materjal ieħor li ntellgħu huma teżijiet ġieli anke b'intervisti, konferenzi, kotba, exhibitions, posters jew ritratti relatati mar-riċerka u preżentazzjonijiet.

### 5) Proċess ta' evalwazzjoni

Hemm diversi fatturi li nħarsu lejhom qabel ma ntellgħu materjal online fosthom: il-lingwaġġ li jintuża fir-riċerka, il-biblijografija u r-rabta tal-artiklu mal-kollezzjonijiet tagħna fl-OAR@UM. Dawn huma fatturi li jagħmlu l-materjal affidabbli biżżejjed għall-benefiċċju tar-riċerkaturi.

Ovvjament, jekk tara ċertu kittieba li huma diġà stabbiliti fil-qasam tal-pubblikazzjoni hemmhekk ikollok indikazzjoni ċara li l-informazzjoni tal-artiklu hi affidabbli, pereżempju awturi bħal Oliver Friggieri fil-letteratura, Guido Lanfranco fil-folklor u Tony Terribile fil-qasam toponamistiku.

## 6) Kif qed jinġabar il-materjal?

L-akkademiċi jgħaddulna verżjonijiet elettroniċi tax-xogħlijiet li jkunu ġew ippubblikati f'ġurnali internazzjonali biex intellgħuhom fuq l-OAR@UM.

Dawk l-artikli li ma jkollniex verżjoni elettronika tagħhom niskennjawhom u s-sistema titfagħhom f'forma pdf fid-drive tagħna li fiha naħżnu l-materjal kollu elettroniku li jkun irid jiġi applowdjat. Meta d-dokument pdf jitla' fuq id-drive, nagħmlu cropping biex ix-xogħol jiġi pulit u jonqos l-ispazju użat. Minħabba li l-OAR@UM jista' jfittex ukoll fid-dokumenti elettroniċi applowdjat, il-forma tal-pdf li nużaw hi machine readable biex tiffaċilita aħjar ir-riċerka tal-materjal.

Għaldaqstant, waqt il-proċess tad-diġitizzazzjoni, ngħaddu d-dokument minn proċess ta' OCR (optical character recognition) li jgħin ukoll ir-riċerkatur biex jagħmel copy and paste minn fuq id-dokument tal-biċċa l-kbira tal-materjal. L-effettività tal-OCR tiddependi minn kemm id-dokument ikollu tipa li tidher ċara.

## 7) Hu materjal biss akkademiku?

Le mhuwiex materjal biss tal-akkademiku. Bla dubju ta' xejn kitbiet akkademiċi nilqugħhom b'idejna miftuħin għaliex huma kitbiet kontributorji fl-oqsma rispettivi tagħhom. Il-materjal ippubblikat f'ġurnali peer-reviewed huma ċċekkjati minn esperti fl-oqsma rispettivi tagħhom, u għaldaqstant, dawn il-ġurnali jkunu affidabbli biex jintużaw bħala sorsi fir-riċerka.

Però l-għan tagħna hu li nagħtu opportunità wkoll lil dawk il-kittieba li għalkemm ma jippubblikawx f'ġurnali akkademiċi, xorta waħda jagħmlu kontributi kbar fil-qasam kulturali. U propju għalhekk għażilna li nevalwaw artikli minn gazzetti, rivisti u kotba tal-festi għaliex fihom issib materjal utli immens. Tant ikunu miktubin bir-reqqa li anke ssibilhom il-biblijografiji tagħhom minn fejn ħadu s-sorsi fl-istudji tagħhom. Hemmhekk tara s-serjetà tal-kittieba nonakkademiċi li jimpenjaw ruħhom għall-ġid tar-riċerka. Dan għamilnieh biex mhux biss nespandu r-repożitorju tagħna imma nipprovdu wkoll opportunità lir-riċerkaturi biex ixerrdu r-riċerki tagħhom. Ovvjament, qabel ma ntellgħuhom fuq l-OAR@UM b'aċċess għall-pubbliku nġibu konferma mingħand l-edituri jew l-awturi tal-pubblikazzjonijiet.

8) **Għal dawk li huma drittijiet ta' kitba x'qed isir.**

Fl-applowdjar tal-materjal tidħol ukoll il-liġi minħabba d-drittijiet ta' kitba. L-ewwel ħaġa aħna meta nitfgħu l-materjal b'aċċess pubbliku nġibu l-konferma mingħand l-edituri jew il-kittieba biex nagħmlu dan. Meta ma nkunux nistgħu nilħqu lill-individwi kkonċernati nitfgħu l-materjal online però b'aċċess ristrett jiġifieri jkunu jistgħu jaċċessawh biss dawk li huma utenti tal-università b'username u password.

Kull xogħol li ntellgħu online, il-copyright dejjem jibqa' tal-awtur. Kulħadd jista' jaċċessa dan ix-xogħol u juża l-informazzjoni skont il-liġi tal-Copyright. Ix-xogħol bl-ebda mod ma jista' jerġa' jixxerred jew jiġi pprodu ċit mill-ġdid f'forom oħrajn mingħajr il-permess tal-awtur. Importanti ngħidu li l-kontenut ma jistax ikollu materjal sensittiv jew kunfidenzjali li jikxef informazzjoni personali.

9) **Agħtina iktar eżempji. Naf li pereżempju hemm anke programmi radjofoniċi.**

Eżatt. Kif għidt tajjeb inti hemm ukoll programmi radjofoniċi li saru f'diversi snin u li ttellgħu f'forma ta' mp3 jekk ikun radjofoniku u f'forma mp4 jekk ikun awdjoviżiv. Ovvjament il-materjal li ntellgħu bilfors irid ikun f'forma diġitali b'mod partikolari f'forom bħal XML, PDF, MP3 U MP4. Kif għidt qabel il-Librerija tal-Università trid tikseb id-dritt li ttella' dan il-materjal elettroniku wkoll. U kull file li jittella' f'dan ir-repożitorju preferibbilment irid ikun inqas minn 1GB.
Intellgħu wkoll xogħlijiet relatati mal-arti performattiva bħal posters, ritratti u traskrizzjonijiet ta' drammi.

Tkun idea sabiħa immens li din l-intervista, bħal intervisti radjofoniċi li saru fuq radjijiet oħrajn, tittellgħa fuq l-OAR@UM.

10) **L-istituzzjonijiet bħall-Knisja, baned, għaqdiet f'kull sfera jistgħu jibagħtu l-materjal għall-konsiderazzjoni tagħkom?**

Kulħadd hu mistieden li jibgħatilna l-pubblikazzjonijiet tiegħu, kemm biex inkabbru l-kollezzjoni b'pubblikazzjonijiet printjati kif ukoll il-kollezzjoni elettronika tal-OAR@UM. Bħala parti mill-proġett tal-kollezzjoni tal-festi, bgħattna ittra uffiċjali mil-Librerija tal-Università lil kull għaqda tal-banda, tal-kumitati festi esterni u knejjes biex jibgħatulna l-pubblikazzjonijiet annwali tagħhom.
Meta bdew jibgħatulna kollezzjonijiet privati jew mill-għaqdiet bdejna nkabbru ftit ftit il-kollezzjoni fiżika li għandna fil-librerija u qassamna għaqda għaqda f'pamphlet boxes separati skont il-lokalità, il-patrun/a tal-lokal, l-isem tal-għaqda.

Eventwalment, se nkunu qed nibagħtu ittri lill-għaqdiet kollha biex jagħtuna konferma ħalli nkunu nistgħu napplowdjaw u nxerrdu artikli li għandhom x'jaqsmu mal-patrimonju kulturali lokali fuq l-OAR@UM b'aċċess pubbliku (pereżempju baned bħall-Għaqda Każin Banda San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ tatna l-permess biex nitfgħu l-materjal fl-OAR@UM b'aċċess pubbliku).

**11) Semmejtilna diversi tipi ta' aċċess.**

Iva. Għall-benefiċċju tal-awturi u l-pubblikaturi għandna diversi tipi ta' aċċess. Id-dokument jista' jkun b'aċċess pubbliku jiġifieri jkun jista' jarah kulħadd fuq l-Internet, b'aċċess ristrett jistgħu jarawh biss utenti tal-Università ta' Malta b'username u password, u b'aċċess magħluq hu ristrett biss għal xi utenti speċifiċi biss, normalment xogħol amministrattiv li għandu informazzjoni riservata.

Teżisti wkoll faċilità oħra dik tal-Embargo li permezz tagħha jkun hemm qbil mal-pubblikatur li t-tali pubblikazzjoni tkun magħluq għal perjodu ta' żmien, normalment sena. Wara li jgħaddi dan iż-żmien, il-pubblikazzjoni tinfetaħ b'aċċess pubbliku.

**12) Hemm xi ħlas?**

Minħabba li l-materjal applowdjat hu użat għal raġunijiet edukattivi, hu aċċessat mingħajr ħlas. Madankollu, kif spjegajt ftit ilu, xi materjal applowdjat hu ristrett minħabba l-Copyright.
L-informazzjoni mtellgħa fuq l-OAR@UM tista' wkoll tiġi użata għall-istudji jew għal skopijiet nonkummerċjali oħrajn, iżda importanti li l-awturi jingħataw il-mertu għal xogħlijiethom.

**13) Riċerkatur li m'għandux konnessjoni mal-Università jista' juża l-OAR@UM?**

Dak il-kontenut li hu b'aċċess pubbliku jista' jaċċessah kull min għandu aċċess għall-internet. Madankollu, dawn ir-riċerkaturi ma jkunux jistgħu jaċċessaw il-materjal li hu ristrett. Minkejja dan, aħna l-librara fejn hu possibbli nniżżlu l-indirizz elettroniku tal-awtur biex f'każ li r-riċerkatur mhuwiex utent tal-Università jista' jibgħat ittra elettronika lil dak l-awtur partikolari biex jagħtih id-dritt li jaċċessa l-materjal ikkonċernat.

**14) X'vantaġġi toffri s-sistema?**

Wieħed mill-vantaġġi ewlenin li jagħti l-OAR@UM hu li jippriserva u jiġbor f'post wieħed diversi pubblikazzjonijiet li huma neċessarji u ta' benefiċċju għal diversi riċerki. Hija sistema

komda li tista' taċċessaha minn fejn trid basta jkollok l-Internet. B'dan il-mod qegħdin dejjem intejbu l-aċċessibbiltà għar-riċerkatur.

Bħala riċerkatur tista' tillimita jew twessa' rriċerka tiegħek billi tuża keywords jew boolean operators bħal (and/or/not) li bihom tista' ssaffi inkella tinkorpora materjal flimkien għall-benefiċċju tar-riċerka. Tista' tillimita s-search tiegħek billi tfittex skont it-titlu, skont l-awtur, is-suġġett, id-data ta' pubblikazzjoni u l-keywords.

Jekk ma jkollokx aċċess għad-dokument stampat jista' jkollok il-faċilità li jkollok il-verżjoni elettronika bis-citation u l-metadata kollha marbutin mad-dokument. B'dan il-mod tista' wkoll tħaffef il-proċess tar-referencing billi tirreferi għas-citation miktuba fuq l-OAR@UM tat-tali dokument.

L-OAR@UM jippriserva u jagħti aċċessibbiltà lil dak ix-xogħol applowdjat li għandu *persistent URL*, li ma jista' jinbidel qatt.

Kull min għandu email address mal-Università, akkademiċi, membri tal-istaff Universitarju u studenti, u għamel riċerka, din ir-riċerka bl-approvazzjoni tad-dipartiment tista' tittellgħa wkoll online. Hawnhekk qegħdin nagħtu spazju lill-awturi biex xogħolhom ikun iktar viżibbli għal riċerkaturi fl-istess qasam. Il-viżibbiltà tal-awturi qegħdin dejjem intejbuha billi ntellgħu xogħlijiet differenti minn sorsi diversi b'mod speċjali ġurnali.

Bla dubju ta' xejn aħna l-librara bħala tim li naħdmu għat-tisħiħ u t-tkabbir tal-OAR@UM dejjem qegħdin hemmhekk biex ngħinu u niffaċilitaw aħjar is-servizz għar-riċerkatur. Aħna bħala istituzzjoni tal-Università qegħdin dejjem inkabbru l-kollezzjonijiet tagħna, kemm fiżiċi u elettroniċi, għall-benefiċċju tar-riċerkatur jew awtur li qiegħed ifittex fil-qasam tiegħu.

Biex tagħmlu kuntatt magħna rigward dan il-proġett tistgħu tibagħtu email fuq oar.lib@um.edu.mt.